L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | l-14 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida biss għall-eżaminaturi u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

Kandidati assenti għandhom jiġu mmarkati 'abs'.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika:**

- l-irbit bejn idea u oħra;
- il-loġika tal-ħsibijiet;
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett.

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

**(Total: 4 marki)**

b. **L-Espressjoni:**

- l-użu ta' Malti idjomatiku;
- l-użu ta' vokabularju wiesa';
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza.

**(Total: 6 marki)**

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

**In-nies b'mard terminali għandhom dritt jagħżlu meta jmutu?**

- Il-kwistjoni dwar jekk persuna għandhiex id-dritt tagħżel hi meta tmut qed issir **kwistjoni importanti** fis-soċjetà.
- Ix-xjenza u t-teknoloġija kapaċi jżommu persuna **ħajja "fuq il-magni"** minkejja li tkun marida sew.
- Imma din hija **kwistjoni kkumplikata**, għax hemm modi differenti f'pajjiżi differenti kif persuna "ttemm" ħajjitha. Ngħidu aħna billi **ma tibqax tieħu ċerta terapija, ċerti mediċini**.
- Diġà hawn għadd ta' **pajjiżi, l-aktar fl-Ewropa, li jagħtu d-dritt** lill-persuna li tmut meta jidhrilha.
- Hemm nies li **jsiefru** f'dawn il-pajjiżi biex iwettqu l-għażla tagħhom.
- Fl-2002, **l-Olanda** saret l-ewwel pajjiż li llegalizza l-ewtanasja u s-suwiċidju assistit.
- Fil-każ tal-**Olanda**, hemm sett ta' **kriterji** li kulħadd irid iżomm magħhom: il-pazjenti jridu jkunu fi stat ta' wġigħ insopportabbli, il-marda trid tkun inkurabbli, u t-talba trid issir meta l-pazjenti jkun għad għandhom ħakma tal-fakultajiet mentali tagħhom.
- Fl-2010, fl-Olanda, iktar minn 3000 pazjent u pazjenta ngħataw **taħlita ta' drogi** taħt superviżjoni medika kkontrollata **biex imutu**.
- Fl-2002 **il-Belġju** daħħlu l-istess liġi. Fl-2013 kien hemm 1800 każ.
- Fl-**Istati Uniti** hemm ħames stati li jħallu lit-tobba jagħtu dożaġġi letali lill-pazjenti b'mard terminali, jiġifieri mingħajr tama ta' fejqan... Oregon, Washington, Vermont, Montana, u New Mexico.
- Fil-**Ġermanja**, is-suwiċidju assistit huwa legali, sakemm id-doża letali tittieħed mingħajr l-għajnuna ta' ħadd.
- Id-dibattitu fuq dan huwa **dejjem kontroversjali**.
- Tista' tħares lejn din il-ħaġa bħala **tip ta' qtil**?
- Kulħadd għandu **d-dritt li jgħix ħajtu kif irid**, bla ma jweġġa' lil ħaddieħor. Dan jgħodd ukoll għall-mod kif itemm ħajtu?
- Il-ħajja trid **titgawda sal-aħħar**. **X'taħseb?**
- Hemm min jikkritika dik li jqisha bħala "fissazzjoni" li trid iżżomm **il-ġisem ħaj akkost ta' kollox**.
- Ħafna nies jibżgħu li hemm il-periklu ta' abbużi kbar jekk **l-ewtanasja tiġi llegalizzata**.
- Persuna muġugħa li m'għandhiex tama ta' fejqan tista' **tafdaha b'deċiżjoni tant kbira** dwar ħajjitha?

**X'nistenna li nara dis-sena li l-Belt Valletta hija l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura**

- **Fejn l-aktar li sirt taf** dwar l-attivitajiet marbutin mal-Belt Valletta bħala l-Belt Kulturali Ewropea tal-Kultura?
- **Tinteressak** il-kultura?
- Għalik **xi tfisser "kultura"**?
- **Kultura u arti** l-istess ħaġa?
- Jeżistu **tipi differenti** ta' kultura.
- Hemm distinzjoni ċara, għalik, bejn **il-kultura ta' Malta u l-kultura tal-barranin**?
- **Malta għandha kultura waħda**, jew kulturi simili imma differenti?
- **Ngħidu aħna**, il-kultura taż-żgħażagħ, il-kultura tal-festi, il-kultura tal-irħula, il-kultura tal-belt, il-kultura marbuta ma' tip ta' mużika partikulari...
- Iċ-ċelebrazzjonijiet li saru **fl-erba' pjazez**. Rajthom?
- X'deherlek mill-**kwalità artistika** ta' dak li ġie ppreżentat?
- Taqbel mal-**viżjoni ta' Malta** li ġiet ippreżentata?
- Dawn l-attivitajiet tqishom bħala **avvenimenti għat-turisti, għall-Maltin** jew **għat-tnejn**?
- **Il-programm ta' attivitajiet** kulturali li hemm għal din is-sena.
- **Attendejt** xi waħda mill-attivitajiet kulturali li saru?
- L-enfasi fuq **ir-restawr tal-bini**, ngħidu aħna, ir-restawr tal-Berġa tal-Italja biex fiha jsir il-mużew nazzjonali tal-arti bl-isem ta' MUŻA.
- L-enfasi fuq is-sehem tal-Maltin fl-attivitajiet, imma anki **l-kollaborazzjoni ma' artisti u tekniċi barranin**.
- Il-ħtieġa li **l-Beltin** ikunu involuti fl-attivitajiet li qegħdin isiru u fl-ippjanar tagħhom. Inti kieku kif tinvolvihom lill-Beltin?
- Il-Belt Valletta se tkun il-Belt Kulturali Ewropea tal-Kultura għal sena. Il-ħtieġa li naħsbu fuq **dak li se jibqa' fil-Belt** Valletta u f'Malta u Għawdex b'mod ġenerali wara li tgħaddi din is-sena.

**In-nisa għandhom jitħallsu daqs l-irġiel**

- Studju riċenti li sar fl-Ewropa wera li għad hemm **differenzi sostanzjali fil-pagi** bejn nisa u rġiel li jagħmlu l-istess xogħol.
- Mhux qed nitkellmu fuq dawk li l-pagi tagħhom **nafu li huma l-istess**, bħall-għalliema jew il-ħaddiema tal-Gvern.
- Il-problema tinqala' meta jkun hemm l-istess xogħol, ngħidu aħna fil-**management**, li tiegħu l-irġiel jitħallsu iżjed min-nisa.
- **Għaliex taħseb** li għadhom jeżistu dawn is-sitwazzjonijiet?
- Din l-inġustizzja kbira man-nisa tista' **taħdem kontra l-irġiel** ukoll, għax jaf ikun hemm min **jimpjega mara minflok raġel biex iħallasha inqas**.
- Taħseb li **n-nisa jitkellmu biżżejjed** fuq din l-inġustizzja?
- Taħseb li **l-irġiel jitkellmu biżżejjed** fuq din l-inġustizzja?
- Fid-dinja tax-**xogħol f'Malta** hemm iktar irġiel milli nisa, imma **n-nisa qed jiżdiedu**.
- Taħseb li din iż-żieda se **tbiddel l-attitudni** fuq din l-inġustizzja man-nisa?
- Taħseb li n-nisa se jibdew **jitkellmu iżjed** fuq dawn l-affarijiet?
- X'taħseb li jistgħu jkunu **r-raġunijiet** għaliex ċerti mgħallmin jiddeċiedu li jħallsu raġel iktar minn mara għall-istess xogħol?
- Taħseb li għad hemm **il-preġudizzju** fost uħud minn dawk li jimpjegaw li l-irġiel huma aħjar min-nisa f'ċerti xogħlijiet, li iktar tista' torbot fuqhom.
- Jista' jkun li din l-inugwaljanza fil-pagi teżisti **iżjed f'ċerti oqsma** milli f'oħrajn?

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | l-14 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# In-nies b'mard terminali għandhom dritt jagħżlu meta jmutu?

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | l-14 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# X'nistenna li nara dis-sena li l-Belt Valletta hija l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | l-14 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# In-nisa għandhom jitħallsu daqs l-irġiel

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | it-12 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.
Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

**Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Ir-reputazzjoni.
2. X'tixtieq tħalli lid-dinja bħala ereditа̀ tiegħek?
3. Il-mewt tal-ktieb.
4. Bla biża' ma jkunx hemm atti ta' kuraġġ.
5. Il-fiduċja ddum biex tiksibha imma titlifha malajr.
6. Hemm bżonn inkunu mqabbdin mal-internet il-ħin kollu?

**(Total: 30 marka)**

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Ġorġ Doublesin juri li m'hemmx "rabta diretta bejn il-kliem (bħala ħoss akustiku) u l-ħwejjeġ jew oġġetti li jeżistu fid-dinja hemm barra." Iddiskuti.

2. Skont George Farrugia, "ma nistgħux nibqgħu marbutin ma' lingwa fossilizzata biex ma nħalluhiex titħallat għax inkella nkunu qegħdin inwittu t-triq għall-mewt ta' lsienna stess. Il-Malti bħal kull ilsien ieħor huwa suġġett għall-bidla." Uri kif il-Malti nbidel mal-mogħdija tas-snin.

3. "Tajjeb ngħidu li l-istudju tal-morfoloġija, li jinteressa ruħu fl-elementi bażiċi tal-ilsien, isir biex il-lingwisti jiksbu tagħrif mhux biss fuq ilsien wieħed imma biex jiksbu tagħrif ta' natura universali." Ikkummenta dwar l-elementi lingwistiċi bażiċi li jirreferi għalihom Tarcisio Zarb f'din l-istqarrija.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.**

1. Fil-fażijiet differenti tagħha, il-poeżija Maltija ħarset bi mħabba u qima lejn il-pajsaġġ lokali, u rat lill-bnedmin kemm bħala l-akbar ħbieb kif ukoll bħala l-akbar għedewwa tiegħu.

2. Fid-daħla kritika tiegħu għall-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*, Oliver Friggieri jikteb dwar il-proġett Romantiku tal-"koltivazzjoni u t-tixrid tal-ilsien nazzjonali bħala għodda ta' għarfien u komunikazzjoni ta' kull xeħta." Ikteb dwar il-mod kif l-iżvilupp tal-poeżija bil-Malti kemm qabel kif ukoll wara l-Indipendenza għen fit-tiswir ta' kuxjenza nazzjonali.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA**

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Qabbel il-mod kif Ġużè Ellul Mercer jirrakkonta r-relazzjoni bejn Leli u Vira u r-relazzjoni bejn Leli u Klara fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*.

2. Iddiskuti kif minkejja li trabba f'komunità żgħira fejn kulħadd kien jaf lil kulħadd u fejn il-fidi Kattolika kellha għeruq fondi, meta marad Leli Braġ tar-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ftit li xejn sab lil min jifhmu u jagħdru u kien kapaċi jgħinu.

3. Kemm nistgħu nqisu lill-karattru ta' Menz fid-dramm ta' Francis Ebejer bħala "soċjali-simboliku"?

4. Oliver Friggieri jgħid li l-iżjed punt li jolqtu fir-relazzjoni bejn Ġorġ u Menz fil-bidu tad-dramm huwa li "bejniethom hemm xi ħaġa komuni, l-individwalità, iżda l-mod kif huma individwali huwa oppost, u r-riżultat huwa li fil-prattika l-karattri tagħhom iġibu ruħhom kontra xulxin." Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**